**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju 2024

Kawża Nru 27/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Xerri)**

Vs

**Abduraouf Younis Mansur Altabib**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Abduraouf Younis Mansur Altabib** ta' ħamsa u erbgħin (45) sena, detentur tal-permess ta' residenza Malti numru 58794(A) talli bejn il-ġranet tat-tletin (30) ta` Ġunju 2024 u l-erbgħa (4) ta' Lulju 2024 ġewwa dawn il-gżejjer Maltin:

(1) bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil omm uliedu Joslin Mifsud biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta, meta kien jaf jew imissu kien jaf li l-imġieba tiegħu se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża, liema delitt twettaq kontra konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel u ripetutament;[1]

(2) indirizza lejn omm uliedu Joslin Mifsud, kliem ta' inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;[2]

(3) permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat jew bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra jew biex jagħmel xi gwadan, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddiehor jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jew hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra tiegħu/tagħha, jew biex jimmalafama lil omm uliedu Joslin Mifsud jew xi persuni oħra jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih;[3]

[1] Artikolu 251B(1)(2), 251H(a)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikolu 339(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[3] Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta.

(4) naqas milli jħares xi waħda, w/jew aktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju 2023 b'digriet mill-Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D, f'dan li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill arrest.[4]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li titratta dan il-kaz bħala każ ta' vjolenza domestika skond il-Kapitlu 581.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba illi minn issa tipprovdi għas-sigurta ta' Joslin Mifsud billi tapplika l-artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta Malta.

Il-Qorti ġiet wkoll mitluba li f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta' ta' Joslin Mifsud ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Uffiċjal Prosekutur;

[4] Artikolu 579(1) u (2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali datat ħamsa (5) ta' Lulju 2024 sabiex dan il-każ jiġi trattat u deċiż bi proċedura sommarja;

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' din l-ammissjoni, il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u tatu żmien xieraq sabiex jerġa' jikkunsidra mill-ġdid l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li ma teżisti l-ebda raġuni tajba in linea ma' dak stabbilit fl-artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita jekk ir-reati ġewx tassew magħmula jew tiddubita jekk l-akkużat hux ħati tar-reati addebitati lilu;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni, il-Parte Civile u lid-Difiża jittrattaw fuq il-piena;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar it-tletin (30) ta' Ġunju 2024 l-akkużat allegatament għamel kuntatt telefoniku mal-eks partner tiegħu

Joslin Mifsud u heddidha li jekk kien sejjer jaraha ma' xi partner ieħor huwa kien sejjer joqtolha.  Dakinhar hija kienet għażlet li ma tagħmilx rapport dwar dan.  Ġara pero li fl-erbgħa (4) ta' Lulju 2024 waqt li hija u l-akkużat kienu qegħdin jikkomunikaw flimkien, l-akkużat bagħtilha recording b'diversi kliem ta' theddid fih kif wkoll bagħtilha messaġġi ta' theddid.  Peress li hija beżgħet mill-kliem li intqal lilha, hija iddeċidiet li tagħmel rapport lill-Pulizija u tindikalhom wkoll dak li kien ġara fit-tletin (30) ta' Ġunju 2024.  Wara li sar ir-*risk assessment*, liema *risk assessment* indika li r-riskju vis-à-vis Joslin Mifsud kien wieħed għoli ferm, il-Pulizija talbet u ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' arrest fil-konfront tal-akkużat. Dan il-mandat ġiet esegwit u eventwalment wkoll il-Pulizija ressqet lill-akkużat il-Qorti b'arrest u akkużatu bl-akkużi odjerni.

Ikkunsidrat:

In vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib lil-akkużat ħati tal-akkużi kollha li ġew miġjuba fil-konfront tiegħu.

Għall-fini ta' piena il-Qorti sejra tikkunsidra:

(a) l-fatt li l-akkużat ammetta l-akkużi fi stadju pjuttost bikri tal-proċeduri.  Infatti din tal-lum kienet it-tieni (2) seduta wara l-preżentata;

(b) it-tonalita u anke l-kontenut tal-messaġġi li intbagħtu mill-parte civile lill-akkużat u li ġew esebiti in atti. Il-kontenut tal-messaġġ mibgħuta mill-parte civile kienu pjuttost provokattivi u żgur wkoll ma jistgħux jiġu klassifikati bħal diskors normali bejn koppja. Filwaqt li dan bl-ebda mod ma jnaqqas mill-gravita tat-theddid li għamel l-akkużat, il-Qorti tqis li d-diskors tal-parte civile wassal sabiex ippreċipita s-sitwazzjoni u l-konversazzjoni li kienet qed issir bejniethom. Dan kollu sejjer jiġi rifless fil-piena li sejra tiġi imposta.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 251B(1)(2), 251H(a)(b), 339(e), 579(1) u (2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 49(a)(b) u (c) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tiegħu stess, qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u qed tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' seba' mitt ewro (€ 700).

In oltre wara li rat l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qed tordna li **<u>l-ammont ta' elf ewro (€ 1,000)</u>** mill-garanzija personali imposta fid-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju 2023 u emendat bid-digriet ta' din il-Qorti tal-għaxra (10) ta' Ġunju 2024 jiġi konfiskat a favur il-Gvern ta' Malta.

Għar-rigward is-sentenzi sospiżi imposti fit-tlettax (13) ta' Settembru 2021, il-Qorti wara li rat l-artikolu 28B(2) tal-Kap. 9 tiddikjara li hija mhux sejra tagħmel ordni fit-termini tal-artikolu 28B(1) tal-Kap. 9 sabiex is-sentenzi sospiżi jidħlu fis-seħħ. Pero sejra tagħmel bdil fis-sens li l-perijodu operattiv ta' dawk is-sentenzi għandu jkun ta' erba' (4) snin dekoribbli mil-lum. Il-Qorti qed tagħmel din l-ordni tenut kont taċ-ċirkostanzi kif seħħ l-inċident hekk kif jirriżulta mill-atti, partikolarment wara li l-Qorti rat il-messaġġi esebiti u li ġew skambjati bejn il-parte civile u l-akkużat.

Fiċ-ċirkostanzi wkoll tal-każ, billi l-Qorti jidhrilha li l-piena hawn erogata hija kommensurata mal-konsegwenzi tal-ksur tal-ħelsien mill-arrest, il-Qorti qed tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni tar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid tal-ħati in konnessjoni mal-proċeduri li għadhom pendenti u li dwarhom l-akkużat ingħata l-liberta provviżorja.

Finalment wara li rat l-artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u peress li jeżistu r-raġunijiet indikati fl-artikolu 412C(1) tal-Kap. 9 il-Qorti qed toħroġ ordni ta' trażżin fil-konfront tal-ħati u dan sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-vittma Joslin Mifsud. L-ordni qed tiġi magħmula għal tlett (3) snin mil-lum taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħtija kontestwalment ma' din is-sentenza.

Il-Qorti fehmet lill-ħati bil-konsegwenzi li jistgħu jirriżultaw jekk huwa jikser tali ordni tat-trażżin.

(ft.)  Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur